Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAL- ĦDAX IL- LAQGĦA TAT- TMIEN KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** It-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2015

**Ħin:** Mill-5.05pm sas- 7.32pm

**Prezenti:** In-Nutar Dr. Ian Spiteri
Is-Sur Andre Grech
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Daniel Muscat
Is-Sur Joe Galea

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Għaxar laqgħa ta' nhar il-Ħamis 26 ta' Novembru 2015. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is- Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier is- Sur Desmond Zammit Marmara. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

2. **Mill-Minuti**

**F'dan il-ħin (5.09pm) daħal il-Kunsillier Daniel Muscat**

L-Aġent SE infurma lill-Kunsill li t-*trimming* tas-siġar fil-lokalita' ser isir wara il-festi ta' l-ewwel tas-sena.

3. **Talbiet Finanzjarji**

**F'dan il-ħin (5.12pm) daħal il-Viċi Sindku Andre' Grech**

Is- Sindku kien ta' l-idea li qabel wieħed jieħu n-kunsiderazzjoni t-talbiet mill-Kunsilliera għandna ikollna f'idejna l-allokazzjoni għas-sena 2016 u min hemmhekk inkunu f'posizzjoni aħjar kif il-flus jistgħu jitqassmu

Il-Kunsill qabel unanimament u din il-materja ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 4. Komunikazzjoni mis- Sindku u l-Kunsilliera

**Sindku Dr. Ian Spiteri**

Is-Sindku infurma lill-Kunsill fuq il-laqgħa tal- CORE meeting ippreseduta mill-Eċċellenza tagħha, President ta' Malta, Marie Louise Coleiro fuq ffinanzjar mill-EU b'kollaborazzjoni mal-MEUSAC u l-Gvern Ċentrali.

Dan huwa proġett fejn tinħoloq sistema ta' *clustering* tal-lokalitajiet fejn b'kollaborazzjoni bejniethom jiġu ndirizzati ċertu problemi partikolari.

Is- Sindku fakkar lill-Kunsill li l-kirja tal-garaxx fejn jnzammu l-għodda skada u irridu, jew li l-kirja tiġi mġedda jew, li jinstab post alternattiv.

Il-Kunsill ddeċieda li sakemm jinstab dan il-post, għandha tiġi estiza l-kirja sa l-aħħar ta' Jannar 2016.

Is-Sindku qal li rċieva ilment fuq ir-rotot il-ġodda tat-Trasport Pubbliku fejn l-area tan-naħa ta' Birbal m'hemmx servizz adegwat.

Il-kunsillier Joe Galea infurma lill-kunsill li fuq dan is-suġġett, il-Ministru responsabbli mit-trasport pubbliku, l- Onor. Joe Mizzi sejjaħ laqgħa fejn mill-20 ta' Diċembru 2015 ser jibdew r-rotot il-ġodda sas-sajf li ġej u minn hemmhekk isir *fine tuning* tas-servizz għal kumplament tas-sajf.

Sadanittant il-Kunsill talab lill-Aġent SE biex jibgħat kopja ta' dan l-ilment lill-Malta Public Transport għal kunsiderazzjoni tagħhom.

**Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara**

Il-Kunsillier ilmenta li l-vannijiet tal-Hospice allavolja kienu nfurmati biex jipparkjaw fil-kaxxa safra tagħhom sa llum għadhom jipparkjaw fil-parking bays. Talab li tittieħed azzjoni.

Il-Kunsillier ressaq ilment li fi Triq Il-Ferrovija l-Qadima qed jinħareġ iz-żibel anke nhar ta' Hadd, kif ukoll li t-trakkijiet jgħaddu minn dik it-triq żdied.

Il-Kunsillier ressaq ilment li b'rabta mal-kunċert li ttella' fit-Teatru Manoel mill-Banda Kazin San Gabriel ma nżammx il-protokoll waqt din l-attivita' li għaliha kien mistieden il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan. Is- Sindku Dr. Ian Spiteri f'dan ir-rigward ta' xi dettalji fuq kif ġraw il-fatti dak nhar.

Il- Kunsillier infurma lill-Kunsill li huwa flimkien ma' s- Sur Muscat fil-ġranet li ġejjin ser imorru jixtru il-kotba għal librerija l-ġdida tal-Kunsill.

**Il-Kunsillier Joe Galea**

Is-Sur Galea tkellem fuq l-iskart fit-toroq fejn f'dawn l-aħħar ġimgħat għal xi raġuni jew oħra zdied u mhux qed jinzammu l-ġranet li fihom wieħed għandu joħroġ u jissepara dak li huwa skart riċiklabbli u dak tal-borza s-sewda speċjalment il-ħwienet tal-kummerċ li jinsabu fir-raħal.

Is- Sindku semma' li fil-ġranet li ġejjin għandhom jiġu sottomessi xi proposti biex isir ftehim ma' xi kumpanija li hija awtorizzata mill-Gvern Ċentrali hekk kif wasal biex jiskadi l-kuntratt attwali li għandu l-kunsill fuq ġbir ta' skart reċiklabbli. Kif tittieħed deċizjoni mill-Kunsill, hemm bzonn li jiġi spjegat lil tal-ħwienet kif ser taħdem is-sistema u jridu jottemperaw magħha.

**Il-Viċi Sindku Andre' Grech**

Is-Sur Grech ressaq talba ta'resident fejn qed jitlob li fi Triq Annunzjata jiżdied skip ieħor ma dak ezistenti li hemm.

L-Aġent SE infurmaħ li dak l-iskip huwa propjeta' tal-barman tal-Kazin San Gabriel u mhux tal-Kunsill fejn suppost dak l-skip għandu jinżamm magħluq u msakkar, pero' dan mhux qed isir b'konsegwenza li n-nies kif jarawh mimli qed ipoġġu l-boroz u skart ieħor fejnu

Is-Sur Grech talab li fi Triq Il-Kbira u Triq it-Tabib J. Zammit jitwaħħlu *u-bars* oħra ma dawk eżistenti. Il-Kunsill approva.

**Il-Kunsillier Daniel Muscat**

Is-Sur Muscat tkellem fuq ix-xogħolijiet ta' kostruzzjoni li qed isir fejn kien hemm il-Mulin D'Or fejn anke nhar ta' Hadd qed isir xi xogħol. Huwa talab li għandu jsir ilment mal-MEPA.

Huwa infurma lill-Kunsill li l-fuljett tal-Kunsill lest u talab li la darba tiġi aġġudikata l-kwotazzjoni jkun jista' jsir l-ipprintjar tagħha.

Il-Kunsillier kien bgħat email urġenti lill- Aġent SE fuq ilment li fi Triq Santu Rokku kantuniera ma' Triq Il-Kbira quddiem dar Nru 229 twaħħlet sistema ta' drenaġġ barra mal-ġenb tad-dar fejn kienet qed toħloq inkonvenjenza għar-residenti. L-Aġent SE infurma minnufih lis-sezzjoni ta' l-infurzar fi ħdan il-MEPA u ttieħdet azzjoni mmedjata.

**5. Korrispondenza u Ilmenti**

**Ittra Nru. 5368:** MEMO 33/2015- Direttiva- Ftehim mal-Iskemi dwar ġbir ta' skart separat

**Ittra Nru. 5370**: Estensjoni tal-proġett tal-WIFI Access Points installati f'postijiet pubbliċi. Il-Kunsill approva li għandha ssir talba għal- WIFI addizzjonali fi Pjazza Bertu Fenech.

**Ittra Nru 5375**: Pjanti ġodda sottomessi mis- Sur J. Bonello biex isiru kaxxi sofor quddiem il- *carport* tal-propjeta' tiegħu. Il-Kunsill approva li titneħħa il-parking bay eżistenti.

Dwar l-ilmenti u korrispondenzi l-oħra li rċieva l-kunsill f'dan il-perjodu, l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta' kull min ippreżenta l-ilment.

**6. Approvazzjoni ta' ħlasijiet**

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-14 ta' Diċembru 2015 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 7,255.84

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Andre Grech li kien issekondat mill-Kunsillier Daniel Muscat. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 8. Tqegħid ta’ dokumenti w rapporti

Ma kienx hemm tqegħid ta’ dokumenti jew rapporti

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 7 ta’ Jannar 2016 fil-5.30pm.

________________________
**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

______________________
**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

____________________
Data